DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-5 ta' Mejju 2010

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2008

(2010/551/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2008,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbilliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0073/2010),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2008;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

([1]) ĠU C 304, 15.12.2009, p. 100.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.
([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.